**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Ransdon Debono**

**Kumpilazzjoni Numru: 7509/2023**

**Illum, 13 ta' Jannar, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Ransdon Debono** detentur tal-karta tal-identità **393003L** akkuzat talli fil-25 ta' Settembru 2023 ghal

habta ta' 22:30 u fil-hin u granet qabel gewwa Triq ix-Xemxija, Marsa u postijiet ohra gewwa il-gzejjer Maltin:

1. **Naqas milli jhares xi wahda w/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti ta' Malta, Mhallef Dr. Aaron Bugeja LL.D. fid-digriet moghti nhar it-26 ta' Settembru 2022, u li permezz tieghu l-istess Ransdon Debono nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Kif ukoll naqas milli jhares xi wahda w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-digriet moghti nhar it-24 ta' Marzu 2022, u li permezz tieghu l-istess Ransdon Debono nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. **Saq il-vettura tal-ghamla OPEL minghajr ma kellu licenzja necessarja tas-sewqan;**

4. Talli ukoll saq vettura tal-ghamla OPEL minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

5. Talli b'xi kitba jew tpingija jew b'mod iehor, biddel, hassar, sfigura jew zied xi haga fil-licenzja tal-vettura tal-ghamla OPEL jew qieghed fl-istess vettura, licenzja li kienet mibdula, imhassra, sfigurata jew li kienet mizjuda xi haga fiha;

6. Biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Opel jew xort ohra baghbas mal-pjanci ta' registrazzjoni tal-imsemmija vettura;

7. Ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta dwar il-vettura ta' ghamla Opel;

8. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni

mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-harsien mill-arrest moghti lil Ransdon Debono u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Ransdon

**Debono u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex id-depositu kif ukoll il-garanzija personali jghaddu favur il-gvern ta' Malta.**

**Fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) b'zieda ghall-piena skont dak is-subartikolu, il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmienta' mhux anqas minn tmint ijiem.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti.

Rat li minkejja li l-Qorti tat xahar zmien lill-partijiet ghas-sottomissjonijiet bil-miktub taghhom, l-istess partijiet naqsu milli

jaghmlu dan u dan skont il-verbal datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena 2024.

## Ikkunsidrat

Illi semghet lill-Probation Officer Glen Grixti li jghid li ilu jsegwi lil Ransdon Debono mis-sena 2023 izda jammetti li l-istess akkuzat ghandu storja twila u kkulurita mad-dipartiment tieghu. Jikkonferma li l-ewwel kuntatt li kien sar mad-dipartiment tieghu kien fis-sena 2019 u li matul iz-zmien kellu diversi ordnijiet ta' supervizjoni fosthom zewg (2) Probation Orders. Jixhed li l-akkuzat kien inghata piena ta' habs effettiv stante li nstab hati fuq rikors ta' denunzja u dan minhabba l-fatt li ma kienx qieghed izomm mal-pjan tal-kura li nghata. Jixhed li dan l-agir problematiku tal-akkuzat beda minn mindu kien ghadu minorenni u li l-passat tieghu huwa kkaratterizzat bi storja ta' abbuz mid-droga. Jixhed li filwaqt li l-kampjuni tal-awrina jirrizultaw fin-negattiv ghal kokaina, dan ma jistax jinghad ghas-sustanza tal-kannabis. Jixhed li l-Probation Officer precedenti kienet ikkonfermat ukoll li l-uzu tal-kannabis kien wiehed problematiku

ghall-akkuzat stante li kien qieghed jikkawzalu problemi finanzjarji u familjari.

Ikompli jixhed li l-akkuzat fil-fatt kien sahansitra anke jsaqsi ghall-flus minghand il-familjari tieghu b'mod aggressiv. Izid jghid li l-uzu tal-kannabis qieghed itellef lill-akkuzat milli jkollu struttura f'hajtu tant li kif ikkonfermat il-Probation Officer Charisse Boffa fir-rapport taghha datat 2 ta' Novembru 2023, l-akkuzat kien impjegat darbtejn biss li f'daqqa lanqas biss jghaqqdu xahrejn. Jghid li huwa minnu li minhabba certu direttivi ma setax isegwi l-kaz tal-akkuzat izda xorta rrizultalu li l-akkuzat m'ghandux impjieg. Jghid li l-akkuzat qallu li hu kien qieghed jaghmel xoghol ta' sprayer ma' tellar izda dan ix-xoghol ma kienx regolarizzat. Jghid li hu ghandu dubji kemm hu lest l-akkuzat jiehu rwol ta' missier u dan meta wiehed iqis li mhuwiex indipendenti finanzjarjament u l-fatt li m'ghandux impjieg. Jghid li ghandu d-dubji tieghu wkoll kemm verament l-akkuzat qieghed jinduna bl-izbalji li ghamel fil-passat u kemm hu lest li jerfa' r-responsabilità. Jixhed li dan isehh biss meta l-akkuzat ikun wasal biex jinghata sentenza tant li l-ahhar li ltaqa' mieghu telaq mill-ufficcju tieghu mbikkem.

Izid jghid li ghal dak li ghandu x'jaqsam l-uzu tas-sustanza ma sarx titjib u dan stante r-rizultati tal-kampjuni tal-awrina mis-sena 2022 li kienu jindikaw uzu ta' kokaina. Jixhed li huwa minnu li llum il-gurnata l-akkuzat qieghed juza biss il-kannabis izda dan ma jfissirx li l-istess akkuzat qeleb ghall-ahjar. Jikkonferma li qieghed jaqbel mal-konkluzjonijiet maghmulin fir-rapport a fol. 32 tal-atti processwali.

Inkontroezami jghid li l-kampjuni li ttiehdu dejjem kienu minn Jannar. Jikkonferma li f'Jannar ir-rizultat kien negattiv ghas-sustanza tal-kokaina. Ifakkar li jista' jaghti l-kaz li stante d-direttivi li kien hemm *in vigore* dak iz-zmien, l-akkuzat kellu bizzejjed cans biex jikkonsma sustanzi illeciti bhal kokaina u jilhaq ibattal tali sustanza mis-sistema tieghu. Jikkonferma wkoll li minkejja li r-rizultat kien wiehed negattiv ghal kokaina xorta wahda r-rizultat kien juri tracci tas-sustanza. Jixhed u jinsisti li l-uzu tal-kannabis jikkawza problemi serji lill-akkuzat fil-hajja tieghu. Jixhed li m'ghandux aggornamenti ricenti rigward ir-relazzjonijiet tieghu mal-membri tal-familja. Jghid li minn informazzjoni li gabret il-kollega tieghu f'Novembru 2023. Jixhed li l-komportament tal-akkuzat mieghu jkun mod u quddiem

haddiehor ikun mod differenti. Jixhed li rigward l-impjieg, il-parir li ta lill-akkuzat huwa sabiex isib xoghol regolarizzat u dan sabiex ikollu sens ta' stabbiltà f'hajtu anke minn aspett finanzjarju. Izid jghid li hu jaf li l-akkuzat kien involut f'incident tat-traffiku ricentement. Jghid li jaf li minhabba dan l-incident bil-karozza l-akkuzat kien spicca gewwa l-ITU u li hemm Inkjesta Magisterjali li ghad trid tigi maghluqa. Izid jghid li ma jafx jekk l-akkuzat hux ser jirrikonoxxi t-tarbija li ser titwieled.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat pusses ta' sustanzi illeciti, allegat ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, kif ukoll ta' allegat uzu ta' vettura minghajr licenzja. Oltrè minn hekk l-imputat fis-seduta datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena 2023 ammetta ghal tali reat u tali ammissjoni giet ikkonfermata fis-seduta datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2024.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità ta' dawn l-akkuzi permezz ta' analizi akuta tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-istess akkuzi.

Illi l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *"Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-Qorti ghandha tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat".*

Illi l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> *"15 (1) Kull min –*

a. *isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, izda ma tkun mehtiega ebda licenza dwar bicycle; jew*

*…*

*ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hekk hati, il-piena tal-multa ta' mhux izjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn sena."*

Illi r-regolazzjoni numru 44(3)(4)(5) u (6) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 li jistipulaw dan li gej:

*"(3) Persuna li, jew b'kitba, tpingija jew b'mod iehor, tibdel, thassar, tisfigura jew izzid xi haga f'licenza ta' xi vettura bil-mutur, jew tqieghed fuq vettura diska ta' licenza li tkun giet mibdula, tkun thassret, tkun giet sfigurata jew li jkun gie mizjud xi haga fiha, tkun hatja ta' reat.*

*(4) Persuna li tibdel, tirranga mill-gdid jew thassar marka ta' registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort'ohra tbaghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur, tkun qieghda taghmel reat.*

*(5) Kull persuna li taghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta' reat.*

*(6) Persuna li tinsab hatja ta' reat taht is-subregolamenti (1), (2), (3), (4) u (5) tista' tehel, meta tinstab hatja, multa ta' mhux izjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali oghla taht xi ligi ohra, f'liema kaz il-Qorti ghandha tapplika dik il-penali ohra jew din il-penali mizjuda bi grad jew b'zewg gradi, skont liema wahda hi l-oghla".*

Illi l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 jistipula hekk:

*"Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont kif jordna l-Avukat Generali, u jekk tinsab hatja tehel, ghal kull reat –*

*b. meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – (i) meta r-reat ikun reat taht l-artikolu 4 jew taht l-artikolu 8 (c) hlief f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgh jew traffikar ta' medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taht is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' medicina, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, that tali cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati,jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1C) jew (1D) jew (lE), prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux*

> *izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87);"*

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-ammissjoni tal-imputat gie rregistrat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva però li dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttenni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi di più l-imputat wera li ma tantx ried jottempera ruhu ma' kwalunkwe ghajnuna lilu moghtija tul dawn il-proceduri li ttawlu xi ftit propju sabiex jinghata dan il-beneficcju. Illi l-imputat ghandu wkoll l-addebitu tar-recidiva li taghmel il-pozizzjoni tieghu aktar problematika.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa kkonkludiet fir-rapport taghha a fol. 26 u 27 tal-atti processwali:

*"Ransdon jammetti li beda jpejjep il-kannabis mill-eta` tenera ta' tlettax-il sena, huwa kwazi mal-ewwel beda jpejjep b'mod regolari fejn sfortunatament saret vizzju u din ghadha r-realta` sal-prezent.*

*...*

*Ghajr minn hekk dis-senaa l-ikkoncernat beda jaghmel uzu wkoll tal-kokaina, infatti kien hemm xi testijiet li saru li jew irrizultaw fil-pozittiv ghall-kokaina jew inkella rrizultaw fin-negattiv pero` fis-sistema tieghu xorta kellu s-sustanza f'ammont inas mill-cutoff point ta' 300ml min-naha tad-Dipartiment tat-Tossikologija gewwa l-Isptar Mater Dei."*

Illi di più minkejja li llum il-gurnata s-sustanza tal-kannabis giet accettata bhala sustanza accettabbli fis-socjetà Maltija xorta wahda l-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti nnota dan li gej:

*"Xhud:* *… f'dan il-kaz bhalma anka s-sottolineat em, il-Probation Officer precedenti anka fl-istess rapport illi pprezentat, em, l-uzu tal-Kannabis f'dan il-kaz huwa em, problematiku.*

*Em, il il il l-uzu tal-Kannabis huwa em, sostanzjali. Em, fil-passat anka l-Kannabis kien hemm sitwazzjonijiet fejn huwa kien em eh, qed jikkawza wkoll problem em, kemm finanzjarji kif ukoll em, familjari. Fejn anka jistaqsi lill-familjari anka b'certu aggressivita` em.*

*Qorti:* *Ghall-flus.*

*Xhud:* *Ghall-flus, em u em, il-Kannabis qed ittellfu wkoll milli minn certu struttura eh, matul il il-hajja tieghu."*

Illi jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti nnutat diversi nuqqasijiet da parti tal-imputat sabiex jimxi mal-istruzzjonijiet professjonali li nghatawlu. Tant li referenza qieghda ssir a fol. 31 u 32 tal-atti processwali:

*"Bhala Dipartiment tal-Probation u Parole, Ransdon ilu segwit mill-4 ta' Dicembru 2019 sal-prezent. Huwa kellu diversi ordnijiet, li jinkludu zewg ordnijiet ta' Probation, ordni ta' Trattament u zewg ordnijiet provizorji ta' supervizjoni li ghadhom ghaddejjin prezentement. L-imputat kiser l-ewwel ordni ta' probation u gie ddenunzjat fejn inghata sentenza karcerarja. Minkejja din is-sentenza l-imsemmi xorta wahda baqa' jkun inkonsistenti fl-appuntamenti tieghu mad-DPP. Ghajr minn hekk huwa qatt ma accetta ghajnuna ulterjuri minn entitajiet ohrajn minkejja l-insistenza tal-Ufficjal sottoskritta. Mid-diversi kampjuni tal-urina li ttiehdu tul is-snin anke meta s-*

*sustanza tal-kannabis kienet illegali xorta wahda kien jaghmel uzu b'mod eccessiv. Jidher b'mod car li Ransdon qatt ma uza dawn l-ordnijiet bhala opportunita` biex jaccetta l-ghajnun u jahdem fuqu nnifsu. Pjuttost lanqas biss ghadhom iservu ta' deterrent ghalih."*

Illi r-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation kien car fis-sens li gie rrakkomandat li l-piena idonea hija wahda karcerarja u dan skont kif gie konkluz a fol. 32 tal-atti processwali.

Illi ghalhekk stante l-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti ser ikollha tiehu provvediment in linea ma' dak rakkomandat mill-Ufficjali tal-Probation. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li r-rizorsi offruti mis-servizzi tal-Probation ghandhom ikunu ghad-dispozizzjoni ta' xi haddiehor li verament ghandu bzonn tali servizzi u li ha juzahom tali mod li jirriforma ruhu.

Illi dan qieghed jinghad stante li minkejja l-fatt li l-imputat dejjem inghata opportunità wara ohra mill-Ufficjali tal-Probation sabiex juri li qieghed jaghmel progress, fil-verità l-imputat wera rigress u nuqqas ta' rieda lejn riforma.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Francis Bonnici</u> deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs George Zammit</u> deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dean Micallef** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza*

*taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

> *"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja*

*ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*
>
> > *(a) Retributtiv;*
> > *(b) Preventiv; u*
> > *(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet*

*il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun*

*esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-*

*hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

...

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha*

*maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi l-imputat kemm-il darba bbenifika minn pieni li kellhom l-intenzjoni sabiex jinghata c-cans ta' riforma. Izda huwa car daqs il-kristall ghal din il-Qorti li l-imputat m'ghandu ebda interess li jiehu l-inizjattiva u juri l-affidabilità tieghu.

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja u dan anke fid-dawl ta' dak li kkonkludiet l-Ufficjal tal-Probation a fol. 32 tal-atti processwali.

Illi ghalkemm l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha ghandu jinghad li l-Qorti ma sabitx in atti l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest citati fl-akkuzi u cioè tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2022 u tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2022. Ghalhekk il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe informazzjoni

rigwardanti depoziti ta' garanziji personali li saru fil-konfront tal-istess imptutat.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament numru 44(6) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 u l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Ransdon Debono** hati tal-akkuzi kollha fuq ammissjoni u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettivi kif ukoll ghal multa ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi skwalifikat milli jsuq ghal zmien hames (5) xhur mid-data li din is-sentenza tigi definittiva.

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2023.

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tal-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) mill-ammont stabbilit fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2023 taht garanzija, u dan wara li din il-Qorti qieset il-gravità tar-reati, kif ukoll ir-riarrest mill-gdid tal-istess imputat Ransdon Debono.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**